**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 19 ta' Novembru 2019**

**Rikors Numru 30/2019**

**Gianella Farrugia**
**Vs**
**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Gianella Farrugia** pprezentat fis-26 ta' Marzu 2019 li permezz tieghu ppremettiet is-segwenti:-

*"Illi permezz ta decizjoni tal-Ufficjali tal-Ghassa tal-Hamrun, l-esponenti kellha l-vettura taghha, tal-ghamla Chevrolet Matiz Bin-numru ta registrazzjoni IBT 532 mnehhijja mil-post fejn hija kienet parkegjata arbitrarjament.*

*Illi l-fatti li taw lok ghal dan l-appell, fis-semplicita taghhom, huma s-segwenti:*

*Illi nhar is-Sibt 16 ta' Marzu 2019 l-esponenti kellha l-vettura tal-ghamla Chevrolet Matiz bin-numru tar-Registrazzjoni IBT 532 ipparkjata quddiem ir-residenza taghha gewwa 4, Triq Schinas Pieta.*

*Illi ghall- habta tat-tmienja ta' filghodu l-esponenti giet ordnata mill-Pulizija tal- ghassa tal-Hamrun sabiex tisposta l-vettura taghha minn quddiem il-bieb tar-residenza taghha.*

*Illi l-esponenti irrifjutat illi tisposta il-vettura taghha stante illi din kienet parkegjata skont il-ligi bil-konsegwenza li l-pulizija ordnaw illi din il-vettura tigi rimonkata u mnehhija mill-post, filwaqt illi giet imposta fuq l-esponenti ammenda ta' mitejn ewro (€200).*

*Illi l-esponenti hasset ruhha aggravata bl'azzjoni arbitrarjament implementata mill-Pulizija u minnha qieghda tinterponi dan l umli appell.*

*Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti;*

1. *Illi minn mkien mil-ligi ma jirrizulta illi l-mod ta' kif l-esponenti kienet ipparkjata kien illegali;*

2. *Illi l-garage mmarkat bin-numru 4 u bieb ghadjacentu ghalih li jghati ghal Appartament sovrastanti huma proprjeta ta l-esponenti u ghalhekk kellha kull dritt thalli l-vettura taghha quddiemhom stante illi ma kienet ta' nkonvenjent u sgombru ghal hadd;*

3. *Illi skont informazzjoni li kisbet l-esponenti, l-ufficcjali mill-Ghassa tal-Hamrun agixxew fuq talba tal-gar tal-esponenti u cioe Ludovick Camilleri u mhux ghax il-vettura kienet b xi mod qed tkun t'ostakolu ghal xi sewwieq sabiex jaccedi fi Triq Schinas.*

4. *Illi f'sentenza tal- Imhallef Jacqueline Padovani Grima tas-7 t'Ottubru 2003, li titratta l-istess sitwazzjoni fejn b'karozzi pparkjati legalment ma kienx possibli li ingenji kbar jiddahhlu f'garaxx, il-Qorti qalet illi;*
   *"Il-Pulizija, li tista taghmel biss ordnijiet legittimi, setghet biss titlob lill-imputat inehhi tali karozza. F'dan ir-rifjut ta' kooperazzjoni il-pulizija setghet biss ggib l-anomalija a konjizzjoni tal-Kunsill Lokali jew tal-Bord tat-Traffiku [...] Li tigi ttowjata l-karozza tal-imputat [...] huwa intollerabbli."*

5. *Illi ghalekk una volta, u dan kif ghandu jirrizulta, l-vettura tal-esponenti kienet parkeggjata fil-parametri li trid il-ligi u li ma kien hemm l-ebda raguni ohra valida fil-ligi ghalfejn din ma kelliex tithalla hemm, id-decizjoni tal-Ufficjali Ezekuttivi kienet wahda arbitrarja, soggettiva u ma hi msejsa fuq l-ebda ligi jew policy vigenti, ghal-liema raguni ghandha tigi revokata.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti, filwaqt li ggib il-fuq espost a formali konjizzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal, u, filwaqt li taghmel referenza ghal provi prodotti u tirrizerva li tipproduci dawk il-provi l-ohra skont il-ligi, titlob bir-rispett joghgbu jhassar u jikkancella il-piena amministrattiva tas-sittax (16) ta' Marzu tal-elfejn u dsatax (2019) imposta fuq l-esponenti kif ahjar espost aktar 'il fuq, u dan that dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija** pprezentata fit-8 ta' April 2019 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

"

1. *Illi in linea preliminari l-esponent umilment jecepixxi n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal illi jissindika decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija ai termini tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi in linea preliminari l-esponent qed jecepixxi n-nullita tar-rikors stante li dan gie pprezentat minghajr il-firma ta' Avukat;*

3. *Illi fil-mertu l-esponent jecepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi muri fil-mori ta' dan ir-rikors;*

4. *Illi l-esponent avza lill-attrici illi l-vettura tal-ghamla Chevrolet Matiz bin-numru tar-Registrazzjoni IBT 532 taghha li kienet qieghda pparkjata fit-Triq Schinas, Pieta', kienet qieghda tostakola l-hrug ta' vettura Van tal-ghamla Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni GGV40 ta' certu Ludovick Camilleri (K.I. Nru: 0314373M – il-kwerelant) mil-pressi ta' garaxx privat Numru 5B ta' Ludovick Camilleri fl-istess triq fejn kien immarkat illi l-garaxx kien qieghed jintuza permezz ta' avviz. Illi wara li l-attrici rrifjutat illi tieqaf tostakola l-hrug tas-succitat van, l-esponent idderiga ruhu sabiex jnehhi, permezz ta' rmonkar, il-vettura tal-attrici u dan ai termini tal-Ligi vigenti u jammenda lill-istess attrici. (rapport tal-incident mahrug (NPS report 7/P/1110/2019) mahrug minn PS 827 Edward Grech fis-16 ta' Marzu 2019 fid-09:36am anness u mmarkat bhala Dok '**COP 1**');*

5. *Illi l-esponent jirrileva illi d-decizjoni mehuda minnu fis-16 ta' Marzu 2019 hija wahda legali u li ttiehdet ai termini tar-regolament 3 tal-Ligi Sussidjarja 65.13 u r-regolament 77 tal-Ligi Sussidjarja 65.11;*

6. *Illi l-esponent jirrileva wkoll illi l-ammenda ta' mitejn ewro (€200) giet imposta fuq l-attur ai termini tar-regolament 9 tal-Ligi Sussidjarja 65.13;*

7. *Illi ghaldaqstant l-aġir tal-esponent kien wiehed legittimu, magħmul abbazi tal-Ligi vigenti."*

Ra illi l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju intimat ghandha tigi trattata b'mod preliminari stante li tolqot il-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal;

Sema' t-trattazzjoni dwar l-istess eccezzjoni;

Ra li r-rikors gie mholli ghal sentenza dwar l-istess eccezzjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi mir-rikors promutur jirrizulta illi r-rikorrenti qieghda tikkontesta ordni tal-Kummissarji intimat li permezz taghha giet rimossa l-vettura taghha mit-triq peress li skont l-istess Kummissarju kienet qieghda tkun ta' ngombru bi ksur tar-Regolament 77 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 li jistipula illi *"min isuq jew ikun inkarigat minn vettura bil-mutur ma għandu la xjentement jew bi traskuraġni, iżomm, ifixkel, jew jaqta' l-mogħdija jew ma jħallix skaplu għal mogħdija ta' persuna, vettura, żiemel jew frat f'kull triq li tkun."*

Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni tieghu il-Kummissarju intimat eccepixxa illi dan it-Tribunal m'ghandux il-gurisdizzjoni sabiex jiddeciedi t-talba tar-rikorrenti stante li m'ghandux gurisdizzjoni jissindika d-decizjoni li l-Kummissarju intimat ha f'dan il-kaz partikolari.

Illi jirrizulta illi s-setgha li ghandu l-Kummissarju intimat sabiex jordna r-rimozzjoni ta' vettura tohrog minn Regolament 4 (2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.13 u cioe`:

*"Il-Kummissarju jew l-Awtorità jew il-Kunsill jistgħu wkoll jneħħu, jaħżnu u jiddisponu jew iqiegħdu klampi mar-roti ta':*

...

*(f) kull vettura oħra bil-mutur li tkun fit-triq bi ksur tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur u kull regolament li jsir taħtu."*

Illi l-**kompetenza ta' dan it-Tribunal** tinsab delinejata f'artikoli 5 tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva), li jghid is-segwenti:-

Artikolu 5 *"(1) Qiegħed jigi stabbilit skond id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att tribunal indipendenti u imparzjali, li jkun magħruf bħala t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, bl-iskop li jkun jista' jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull liġi oħra, u bl-iskop tal-eżerċizzju ta' kull kompetenza ohra attribwita lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva b'din il-liġi, jew taħt din il-liġi, jew xi liġi oħra, kemm qabel kemm wara li jidħol fis-seħħ dan l-Att.*

*(2)* ***It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma jkollux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti skont l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili iżda jkollu l-kompetenza li jirrevedi dawk l-atti amministrattivi kif jista' jiġi preskritt f'dan l-Att jew taħtu jew kull liġi oħra li tistabbilixxi l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fuq xi klassi ta' atti amministrattivi."***

Illi jirrizulta illi l-intenzjoni tal-Legislatur meta ghamel il-ligi, u iktar u iktar meta emenda l-istess ligi permezz tal-Att IV tal-2016, kienet illi dan it-Tribunal ikollu gurisdizzjoni limitata sabiex jirrevedi atti amministrattivi li l-Att li minnhom jemanu jaghti dritt lil min ihossu aggravat sabiex jappella minnhom quddiem dan it-Tribunal. Hekk perezempju taht il-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 jissemmew diversi istanzi fejn persuna aggravata tista' tappella minn decizjoni amministrattiva, fosthom meta l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta tirrifjuta li taghti jew iggedded *tag*

ta' xufier, jew ma tohrogx, tissospendi jew tirrevoka licenzja ghal *garage* ghal servizz pubbliku. It-Tribunal josserva illi fost dawn l-istanzi m'hemm l-ebda jedd ta' appell ghal persuna li tkun ittiehdet decizjoni bhal dik odjerna fil-konfront taghha. Lanqas ma hemm xi dritt awtomatiku u generali ta' appell ghal quddiem dan it-Tribunal taht il-*parent act* u cioe` l-Kapitolu 65 (Ordinanza Dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku).

Illi dan it-Tribunal ra wkoll id-decizjoni sottomessa mir-rikorrenti permezz ta' Nota fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Francis Bonnici** datata 7 ta' Ottubru 2003 li bhala mertu kellha *towing* ta' vettura. Pero`, apparti li minn dakinhar saru diversi emendi fil-Legislazzjoni Sussidjarja 65.13 li jolqtu proprju l-poter ta' tnehhija ta' vetturi mit-triq mill-Kummissarju tal-Pulizija, f'din is-sentenza t-Tribunal qieghed jillimita ruhu biss dwar il-kompetenza tieghu u mhux dwar il-mertu.

Illi ghalhekk, fl-umli opinjoni ta' dan it-Tribunal, l-istess Tribunal ma jistghax jarroga fuqu gurisdizzjoni li l-legislatur ma rriservax ghalih. Illi pero` t-Tribunal josserva illi skont Regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 291.04 (Regolamenti Dwar Petizzjonijiet Quddiem it-Tribunali Lokali) ir-rikorrenti setghet possibilment ghamlet petizzjoni lill-Bord dwar il-Petizzjonijiet biex tikkontesta r-rimozzjoni tal-vettura taghha u dan peress li l-allegat reat imwettaq minnha (ir-reat ta' tfixkil ai termini tar-Regolament 77 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11) seta' jigi kontestat peress li jaqa' fl-Iskeda ta' reati tal-Kapitolu 291 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jiddikjara li m'ghandux gurisdizzjoni biex jiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti u ghaldaqstant jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju intimat.

Bl-ispejjez ta' din l-istanza a karigu tar-rikorrenti.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**